**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 3 – 25 ta' Mejju 2015**

***Minuti tat-3 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar it-Tnejn, 25 ta' Mejju, 2015.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 3. Il-laqgha bdiet fis-6:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Bartolo** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| **Skużat:** | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti:** | **Hadd** | |

***Sindku (Mayor):*** Sarah Agius B.A (Hons) European Studies, M A Human Rights & Democratization
***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Alfred Grixti B.Educ. (Hons), PG DEAM, DSS (Oxon), M. Sc (Oxon)
***Kunsilliera (Councillors):*** Roderick Aquilina LL.D., Dip. Not. Pub; George Cortis, Clive Azzopardi CPA, Vernalise Bartolo, Kevin Glynn, Philip E. Said B.A.(Hons), M.A. (Soc), Dip. Educ. Guid. & Couns., S.Th.Dip., Dip. Jurisp.& Proc. (Metr. Tribunal), Christopher Bongailas B E & A (Hons) A & CE

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Pubbliku:** **Robert S. Tabone** Works Co-Ordinator

**Uffiċċjal prezenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Ezekuttiv

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**Korrezzjonijiet tal-Laqgha b'Agenda Nru 1 – 6 ta' Mejju 2015**

Il- Vici Sindku Alfred Grixti gibed l-attenzjoni lis-Segretarju Ezekuttiv li item nru 3 ghandu jinbidel minn:

'Il-Vici-Sindku Alfred Grixti imbaghad **qal** id-diskors' ,
ghal
'Il-Vici-Sindku Alfred Grixti imbaghad **ghamel** id-diskors' .

L-istess ghandi jsir ghal punt nru 5. Dan ghandu jinbidel minn:

'Is-Sindku Sarah Agius imbaghad **qal** id-diskors',
ghal
'Is-Sindku Sarah Agius imbaghad **ghamlet** id-diskors'.

**Korrezzjonijiet tal-Laqgha b' Agenda Nru 2 – 11 ta' Mejju 2015**

Il-Vici Sindku Alfred Grixti qal item numru 3 bit-tema *Xiri ta' airconditioners* , huwa kien tkellem wara li tkellmet is-Sindku Sarah Agius u mhux qabel. Ghalhekk is-sekwenza tal-interventi ghandha tinqaleb.

Il-Kunsillier Roderick Aquilina ikkummenta li item numru 4 bit-tema Arbitragg A3526/2013' huwa kien disponnibli sabiex jghin fil-kaz.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti ikkumenta dwar punt nru 1 bit-tema *Dwal De Rohan Gate*. It-talba li kienet saret mill-Arcipriet kienet li l-Kunsill jisponsorja parti mill-mixeghla waqt il-festa. Ghaldaqstant din ghandha tinbidel minn:

" L-Arcipriet kien ghamel talba sabiex jitrangaw id-dwal tal-Bieb de Rohan. Is-Sindku ta' dak iz-zmien, meta gie mitlub din l-ghotja," ghandha tinbidel ghal "L-Arcipriet kien ghamel talba sabiex il-Kunsill jhallas parti mill-mixeghla tal-festa."

***Sindku (Mayor):*** Sarah Agius B.A (Hons) European Studies, M A Human Rights & Democratization
***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Alfred Grixti B.Educ. (Hons), PG DEAM, DSS (Oxon), M. Sc (Oxon)
***Kunsilliera (Councillors):*** Roderick Aquilina LL.D., Dip. Not. Pub; George Cortis, Clive Azzopardi CPA, Vernalise Bartolo, Kevin Glynn, Philip E. Said B.A.(Hons), M.A. (Soc), Dip. Educ. Guid. & Couns., S.Th.Dip., Dip. Jurisp.& Proc. (Metr. Tribunal), Christopher Bongailas B E & A (Hons) A & CE

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaż-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li z-zewg settijiet tal-minuti jigu approvati kif mressqa. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti.

Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, Roderick Aquilina, Clive Azzopardi, Christopher Bongailas, u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-minuti gew approvati. (6)

2. **<u>Hwejjeg li johorgu mill-Minuti</u>**

2.1 Il-Kunsillier Roderick Aquilina saqsa x'kien gara ezatt dwar l-arbitragg tal-Untours kontra Kunsill Lokali. Is-Segretarju wiegbet li Dr. Anna Mallia ma setghetx tirraprezenta lill-Kunsill f'dak il-hin tas-seduta. U ghaldaqstant intaghzel l-Avukat Gavin Gulia.

2.2 L-Avukat Gulia qabel id-data tas-seduta kellem lill-arbitru fejn spjegalu li la s-Segretarju attwali u lanqas il-Kunsill ma kien infurmat b'din it-tahrika. L-arbitru kien accetta din l-ispjegazzjoni u filfatt inghata z-zmien aktar sabiex il-Kunsill jibghat ir-risposta bil-miktub.

2.3 Il-Kunsillier Philip Said saqsa x'zviluppi kien hemm dwar l-attivita li ser issir fi Triq Giovanni Pullicino. Is-Segretarju wiegbet li kienet iltaqghet ma' rapprezentant tal-Kamra tan-Nar tal-Kazin Banda San Filep fejn gie miftiehem dak kollu li ghandu jsir miz-zewg nahat u kif ser jithallsu l-ispejjez.

2.4 Dwar il-qsari li hemm fi Triq Giovanni Pullicino, ghandha tintbaghat ittra lil dik ir-residenta li ghamlet dawn il-qsari fejn ghandu jigi spjegat lilha s-sitwazzjoni ezatt.

2.5 Dwar l-Earth Electrodes, is-Sindku Sarah Agius qalet li kien hemm min qabad u hallas minghajr ebda problem. Pero kien hemm ukoll min ghamel appuntament mas-Sindku u baqa joggezzjona li jhallas l-ammont stabbiliti mill-Kunsill u approvati mill-Ministeru.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li l-Erbgha filghaxija gie avvicinat minn wiehed tal-gabbana u dan min-naha tieghu qal li huwa kellu earth electrode li kienet saret bil-permess ta' l-ex Sindku Brian Bonnici.

Il-Kunsill Lokali ghamel spiza kbira sabiex ghamel l-installazzjoni ta' diversi earth electrodes u ghaldaqstant kellu d-dritt li jirkupra din l-ispiza.

2.6 Il-Vici-Sindku Alfred Grixti saqsa jekk kienux gew imqassma l-ittri lil tal-Monti li fihom kellu jkun hemm l-informazzjoni dwar it-tibdil fil-granet li kellhom jarmaw minflok il-Gimgha u s-Sibt tal-gimgha tal-festa. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ser jitqassmu sa' l-ahhar tal-gimgha.

2.7 Is-Sindku Sarah Agius qalet li ghalkemm gew approvati li jigu nstallati l-air conditioners, hija thoss li dak tal-kamra taghha m'ghandux jigi nstallat filwaqt li l-iehor ghandu jigi pospost.

2.8 Is-Sindku Sarah Agius qalet li l-website tal-Kunsill Lokali qieghda tigi aggornata u regghet fakkret lill-Kunsilliera kollha li dawn ghandhom jibaghtu CVs u nformazzjoni dwarhom sabiex il-website tkun tista tigi aggornata.

2.9 Is-Sindku Sarah Agius saqsiet lill-Kunsillier Bongailas dwar f'hiex kien wasal il-process dwar l-iskema ta' restawr ta' postijiet storici. Il-Kunsillier Bongailas spjega li biex isisr dan ix-xoghol ta' restawr trid issir applikazzjoni mal-MEPA. Iridu jsiru wkoll il-pjanti tal-faccati,

***Sindku (Mayor):*** Sarah Agius B.A (Hons) European Studies, M A Human Rights & Democratization
***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Alfred Grixti B.Educ. (Hons), PG DEAM, DSS (Oxon), M. Sc (Oxon)
***Kunsilliera (Councillors):*** Roderick Aquilina LL.D., Dip. Not. Pub; George Cortis, Clive Azzopardi CPA, Vernalise Bartolo, Kevin Glynn, Philip E. Said B.A.(Hons), M.A. (Soc), Dip. Educ. Guid. & Couns., S.Th.Dip., Dip. Jurisp.& Proc. (Metr. Tribunal), Christopher Bongailas B E & A (Hons) A & CE

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*

il-mapping, is-survey ecc. Huwa stmat li dan ix-xoghol li jrid isir minn perit jammonta ghal eluf Ewro. Minn taghhom il-MEPA diga marru jispezzjonaw. Il-Kunsillier Bongailas qal li hu minn naha tieghu qed jahdem fuq ir-*Restoration Method Statement*. Il-Heritage Planning Unit issuggerew li x-xogholijiet m'humiex daqshekk kbar u ghaldaqstant f'dan il-kaz *application fees* m'hemmx.

Il-Kunsilliera kollha prezenti qablu li ghalkemm il-kappella ta' Wied Qirda hija mportanti li tigi restawrata, huwa Bieb de Rohan li ghandu jinghata l-importanza anke minhabba l-fatt li l-kappella ta' Wied Qirda tista' tidhol taht skema ohra. Ghaldaqstant ghandha tinghata prijorita lil Bieb de Rohan. Dan il-monument sar ghaliex ingabru l-flus ghalih mill-poplu Zebbugi u ghaldaqstant huwa patrimonju taz-Zebbugin kollha. Is-Sindku Sarah Agius fakkret li ghad trid tinghata l-approvazzjoni bil-miktub mill-Arcipriet.

Il-Kunsillier Chris Bongailas offra li jaghmel ix-xoghol ta' perit li hemm bzonn sabiex tigi sottomessa din l-applikazzjoni. Dan ix-xoghol huwa ser jaghmlu kollu *senza interessi.*

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li dan il-progett ghandu jitqies bhala wiehed holistiku fejn jigi rrangat ukoll id-dawl, il-pavimentar u s-sigar li hemm hdejn Bieb de Rohan.

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-applikazzjoni ghar-restawr ghandha ssir ghal Bieb de Rohan wara li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Arcipriet ta' Haz-Zebbug. Il-Kunsillier Chris Bongailas ser jaghti sehemu sabiex ix-xoghol ta' perit jitwettaq minnu minghajr ebda hlasijiet ghal xogholu.

Hija giet sekondata mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, Roderick Aquilina, Clive Azzopardi u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Il-Kunsillier Chris Bongailas.

Il-mozzjoni giet approvata (7).

## 3. Korrispondenza

Is-Segretarju Ezekuttiv gabet ghall-attenzjoni memo li ntbaghtet mid-Dipartiment dwar skema tal-libreriji fejn il-kunsilli li ghandhom f'idejhom libreriji ser jinghataw sa massimu ta' Eur600, filwaqt li l-kunsill ikun marbut li johrog l-istess ammont.

Il-Vici-Sindku ppropona li l-Kunsill jonfoq Ewro1,200 sabiex jinghata Euro 600 minnhom lura. Huwa gie sekondat mis-Sindku Sarah Agius.

Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, Chris Bongailas, Roderick Aquilina, Clive Azzopardi u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (8).

## 4. Tender tal-Knis

Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li ghandu jigi mhejji t-tender tal-knis. Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li s-servizz prezenti jigi estiz sa' l-ahhar ta' Lulju. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti.

Ittiehed vot.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, Chris Bongailas, Roderick Aquilina, Clive Azzopardi u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (9).

## 5. Vot tal-Flus

Tressaq il-vot tal-flus ghall-diskussjoni. Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-vot jigi approvat kif gie mressaq. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Ittiehed vot. Il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena minn punti nru 8 u 9. Il-Kunsilliera Philip Said u Kevin Glynn astjenew minn punt nru 8.

Dawk Favur: Is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Kevin Glynn, Philip Said, Chris Bongailas, Roderick Aquilina, Clive Azzopardi u Vernalise Bartolo.

Dawk Kontra: Hadd

Astensjonijiet: Hadd

Il-mozzjoni giet approvata (10).

6. **<u>Mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qrat s-sett ta’ mistoqsijiet li ntbaghat mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Dwar l-ewwel mistoqsija li kienet titratta t-traffic lights ta’ Vjal il-Helsien, is-Sindku Sarah Agius qalet li l-Vici-Sindku Alfred Grixti kien involut direttament fi zmien li huwa kien Sindku. Ghaldaqstant huwa seta jaghti aktar nformazzjoni dwar x’gara ezattament.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li kienu ntbaghtu rapprezentanti tat-TM kemm-il-darba sabiex jaghmlu *traffic counts* . Id-decizjoni dwar l-installazzjoni tat-*traffic lights* twaqqfet mic-*Chairman* tat-TM proprju l-gimgha tal-elezzjoni.

Nhar l-Erbgha ta’ qabel il-Gimgha l-Kbira, sar kuntatt mill-Ministeru tal-On. Joe Mizzi mas-Sindku ta’ dak iz-zmien. Alfred Grixti issuggerixxa il-post ezatt fejn kellhom isiru fil-prezenza tal-Perit Edric Micallef.

Ic-*Chairman* tat-TM James Piscopo qal li kollox kien f’idejn it-*traffic management committee.*

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li din il-problema kienet diga bdiet tinhass fl-2010. Il-kongestjoni qieghda tinholoq minhabba t-traffiku li qed ikun tiela minn Hal Qormi u li jigi mis-Siggiewi u johrog minn Triq l-Imghazel.

***Sindku (Mayor):*** Sarah Agius B.A (Hons) European Studies, M A Human Rights & Democratization
***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Alfred Grixti B.Educ. (Hons), PG DEAM, DSS (Oxon), M. Sc (Oxon)
***Kunsilliera (Councillors):*** Roderick Aquilina LL.D., Dip. Not. Pub; George Cortis, Clive Azzopardi CPA, Vernalise Bartolo, Kevin Glynn, Philip E. Said B.A.(Hons), M.A. (Soc), Dip. Educ. Guid. & Couns., S.Th.Dip., Dip. Jurisp.& Proc. (Metr. Tribunal), Christopher Bongailas B E & A (Hons) A & CE

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*

Is-Sindku Sarah Agius ikkonfermat li kien James Piscopo li ried iwaqqaf milli jsiru dawn *it-traffic lights* minhabba li hu hass li sabiex ikun hemm hrug ahjar minn Haz-Zebbug, dan kien ser isir ghad-detriment ta' dawk li ser ikunu nezlin mir-Rabat jew telghin minn Hal Qormi.

Is-Sindku Sarah Agius qalet li l-ahjar soluzzjoni ghalissa hija li jkun hemm nies tat-TM temporanjament sakemm tinstab soluzzjoni ta' natura permanenti. Ghandhom jigu nfurmati wkoll il-Pulizija sabiex forsi tinstab soluzzjoni darba ghal dejjem.

Dwar il-mistoqsija li ghamel il-Kunsillier Roderick Aquilina li titratta t-tahlit tal-iskart, is-Segretarju wegbitu li hi personalment iccekjat kemm-il-darba mal-kuntrattur. It-twegiba li dejjem inghatat kienet li meta il-kollettur jara li fil-borza griza li l-iskart ikun imniggez ghaliex ikun imhallat ma' dak li suppost ikun intefa fil-borza s-sewda, huwa jitfaghha mal-boroz is-suwed. F'laqgha li saret mal-Greenpak, is-Segretarju ccekjat mar-rapprezentant x'ghandu jigri f'dan il-kaz, u hija nghatat l-istess twegiba.

Dwar hlasijiet ghall-piz tal-iskart, is-Segretarju wiegbet li ghas-sena 2015, id-Dipartiment qieghed jghaddi Eur55,220 fis-sena direttament imqassma ma' kull allokazzjoni. Bhala piz il-Kunsill ta' Haz-Zebbug jigi mitlub madwar Eur90,000 fis-sena. Id-differenza s'issa dejjem thallset mid-Dipartment wara li tkun inghalqet is-sena.

## 7. Aggornament

Il-laqgha spiccat fid-9:15pm. Il-laqgha giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 17 ta' Gunju 2014.

***Sindku (Mayor):*** Sarah Agius B.A (Hons) European Studies, M A Human Rights & Democratization
***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Alfred Grixti B.Educ. (Hons), PG DEAM, DSS (Oxon), M. Sc (Oxon)
***Kunsilliera (Councillors):*** Roderick Aquilina LL.D., Dip. Not. Pub; George Cortis, Clive Azzopardi CPA, Vernalise Bartolo, Kevin Glynn, Philip E. Said B.A.(Hons), M.A. (Soc), Dip. Educ. Guid. & Couns., S.Th.Dip., Dip. Jurisp.& Proc. (Metr. Tribunal), Christopher Bongailas B E & A (Hons) A & CE

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |